MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 682/2001/1

**Carol Calleja**

**vs**

**Saviour sive Silvio Muscat**
**Martin Borg**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar dovut mill-konvenuti ta’ kumpens ta’ sehmu minn joint venture fil-forn 80, Fawwara Lane, Sliema li ghalih assumew responsabbilita’ l-istess konvenuti;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz, liema konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 t’Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi l-allegazzjonijiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenuti;

2. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet kollha involuti f’din il-kawza flimkien ma certu Brian Coghlan, kienu f’xi perjodu involuti f’intrapriza kummercjali li kellha l-iskop li tiggestixxi forn;

2. Illi s-somma originali li kien investa l-attur Calleja f’din l-intrapriza kienet tammonta ghall-ghaxart’elef erba’ mija u sitta u sittin Lira Maltin, (Lm10,466.00,0),

meta dan l-istess attur waqqaf din l-intrapriza ma l-imsemmi Coghlan;

3. Illi ma dawn l-ewwel zewg protagonisti f'din l-intrapriza kien lahaq iddahhal ukoll il-konvenut Muscat;

4. Illi wara xi zmien l-attur Calleja ghazel li johrog minn din l-intrapriza, u ippretenda li jithallas l-ammont minnhu investit fiha;

5. Illi in effetti minflok l-attur Calleja ddahhal il-konvenut Borg li permezz ta' cheque hallas in parte l-ammont gia' investit mill-attur;

6. Illi l-intrapriza ghad fadlilha ghalhekk tirrifondi d-differenza rimanenti, ekwivalenti ghal hames t'elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0), lill-imsemmi Calleja;

7. Illi ghalkemm kien allegat fl-atti li l-konvenuti gia' hallsu l-ammont dovut lill-attur, dawn qatt ma ssostanzjaw dan bid-dokumentazzjoni dovuta;

8. Illi l-istess Coghlan fuq indikat kien biss qed jippresta s-servizzi tieghu fl-intrapriza;

Ikkonsidrat:

Illi ghalhekk hu assodat li l-attur Calleja mhux biss kien strumentali fit-twaqqif ta' l-intrapriza de quo izda li effettivament investa ammont sostanzjali fiha;

Illi di piu', l-konvenuti hallsu lill-attur biss ftit aktar minn nofs l-ammont minnhu investit u ghad ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-differenza;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenuti Saviour sive Silvio Muscat u Martin Borg ghandhom ihallsu lill-attur Carol Calleja l-ammont ta' hames t'elef Lira Maltin

(Lm5,000.00,0), bilanc minn somma akbar dovuti lill-attur, bl-ispejjez u l-interessi legali skond il-ligi."

Minn din id-decizjoni appellaw il-konvenuti b'aggravji li jaggiraw fuq l-apprezzament tal-provi u d-diskrezzjoni ta' gudizzju dwarhom ezercitata mill-ewwel Qorti. Inter alia huma jissottomettu illi:-

1. fil-kaz tal-konvenut Martin Borg, dan ghadda lill-attur ammont akbar minn dak allegat mill-attur. Dan ghaliex hu jsostni illi oltre s-somma ta' hamest elef erba' mija u sitta u sittin lira (Lm5466) ghaddielu wkoll permezz tal-iskrivan tal-istess attur is-somma ta' elf u seba' mitt lira (Lm1700) permezz ta' cheque intestat 'cash'. Isostni, ulterjorment, imbaghad, illi gjaladarba ghan-negozju guridiku de quo kellhom japplikaw in-normi tal-Kodici Civili relattivi ghas-socjeta`, hu gie li ghadda lill-attur ammont in eccess ta' dak li kien jispetta lill-attur mis-shubija.
2. fil-kaz tal-konvenut Saviour Muscat, dan ma kellu jitqies bl-ebda mod debitur tal-attur ghax ma xtara u akkwista xejn minn ghandu.

Minn ezami tal-atti huwa aktar minn car illi s-sentenza appellata ta' l-ewwel Qorti kienet unikament bazata fuq l-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha. Apprezzament li l-appellanti issa qed jipprovaw jiskreditaw fit-tentattiv li jipprovaw jaghtu risalt lill-verzjoni taghhom tal-fatti u jaghmlu kredibbli dak li apparantement ma huwiex. Hu proprju minhabba din ir-raguni illi din il-Qorti minghajr ebda esitazzjoni tikkonfessa illi ma jokkorruliex f'dan il-kaz cirkostanzi tassew konvincenti illi serjament jiskossaw l-apprezzament li sar jew li jikkonvincuha illi jekk is-sentenza appellata tigi konfermata tkun ser tigi krejata xi ngustizzja.

Bir-rispett kollu l-analisi tal-appellanti ma tikkonvinciex meta din tigi oggettivament mizurata bir-riegla ta' x'kellu jitqies kredibbli u attendibbli.

Ma jidherx illi huwa kontestat illi l-attur zborsa s-somma komplessiva ta' ghaxart elef erba mija u sitta u sittin lira (Lm10,466), ahjar spjegat fl-Istatement a fol 13, fil-'joint

venture' dwar it-tmexxija ta' "bakery" minn fond f'Tas-Sliema. Lanqas ma huwa kontestat illi meta l-attur iddecieda li ma jibqghax f'din l-attivita` azjendali huwa rceva minghand il-konvenut Martin Borg is-somma ta' Lm5466. Il-qofol tal-vertenza huwa jekk l-attur irceviex il-bilanc dovut, kif minnu pretiz, u lilu mwieghed miz-zewg konvenuti.

Certament ma jistghax jinghata affidament lill-imsemmi konvenut MartinBorg fejn jghid illi hu ghadda ukoll lill-attur permezz tal-iskrivan ta' dan is-somma ta' elf u seba' mitt Lira Maltija (Lm1700). Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

(1) Meta xehed (fol 27) dan il-konvenut jghid li fid-9 ta' Lulju 1996 huwa ghadda s-somma ndikata lil Franco Pizzuto, impjegat tal-attur. Dan hu ferm improbabbli li kien hekk il-kaz billi sa dakinhar dan il-konvenut ma kienx ghadu dahal fis-shubija u ma kienx ghadu ssostitwixxa lill-attur jew kif jghid hu, xtara s-sehem tieghu. Provi ohra jiddemostraw li l-attur baqa' zgur attiv fl-azjenda sa l-ahhar ta' Settembru 1996. Tant dan hu jekk li kif manifest fl-istatement (fol 13) hareg fondi fil-5 u fl-20 ta' Settembru 1996;

(2) Ix-xhud Franco Pizzuto (fol 39) kategorikament jinnega li hu qatt irceva s-somma allegata mill-konvenut Borg. L-istess zmentita saret mill-attur (fol 38).

(3) Kontra kull prattika tieghu stess inzerta li dakinhar li ghadda s-somma ndikata ma talabx ghal ricevuta, allavolja c-cheque allegatament minnu emess intestah "cash". Ara xhieda ta' dan il-konvenut in kontro-ezami a fol 36. Huwa veru illi l-prova tal-pagament tista' ssir b'kull mezz u mhux necessarjament bl-esibizzjoni ta' ricevuta. Izda huwa veru wkoll illi l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah u li f'kaz ta' dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (**Kollezz Vol XXXV pIII p604**; "**Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe**", Appell, 28 ta' Jannar 2000).

(4) Il-verita` tal-fatti kif rakkontata minn dan il-konvenut, u wkoll ripetuta fir-rikors tal-appell, ma tinsab bl-ebda mod suffragata mill-provi. Mhux hekk biss, ghaliex ukoll din il-

Qorti tqis l-istess rakkont ghal kollox inveritier u inattendibbli.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel mat-tezi sostenuta illi l-appellanti l-iehor Saviour Muscat ma ghandux iwiegeb ghall-hlas ta' somma reklamata. Dejjem mill-istess statement jirrizulta li fondi mill-attur appellat inghataw direttament lilu. Dan hu hekk sahansitra ammess minn dan l-appellant (fol 33). Kif hekk jinsab accettat u maqbul minnu wkoll illi hu kien qal lil Pizzuto illi "ma konniex ser incahhdu lil Calleja mill-flus tieghu". Anzi kien stiednu biex jiltaqghu halli jezaminaw id-differenzi ha jhallsu. Similment jistqarr il-konvenut appellant Martin Borg. In effetti hu jaccetta, ghad-domanda posta lilu in kontro-ezami (fol 36), illi hu kien qal lill-attur illi meta johorgu mill-forn jaraw id-diskrepanza x'kienet u jekk kien hemm, ihallsuh. Ir-rikors ta' l-appell tieghu jidher li stradah ghall-konvenjenza fuq binarji differenti ghax issa hu jippretendi, skond l-aritmetika tieghu, illi huwa hu l-kreditur tal-attur u mhux vice-versa.

Maghmula l-konsiderazzjonijiet suesposti u raggunta l-konkluzjoni illi l-verzjoni tal-appellanti Martin Borg mhiex fededenja u dik tal-appellant Saviour Muscat inaccettabbli, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex titbieghed mir-rizultanzi u d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------